MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

13 ta' Frar 2019

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd, minn dawk li kienu se jkunu preżenti, kienu preżenti bl-eċċezzjoni tas-Sur Alfred Zammit li talab jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' sptar u s-Sur Raymond Azzopardi li kien għadu ma wasalx. Għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll il-Perit Dieter Falzon.

## 49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

49.1.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tas-Sur Alfred Zammit.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

49.2.1 Il-minuti ġew approvati .

Is-Sur Cordina talab sabiex jinbidel l-ordni tal-Agenda u minflok jibdew b'item 49.5
Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 49.5 Approvazzjoni ta' *Unaudited Financial Statements* għas-Sena 2018

Is-Segretarju Eżekuttiv introduċiet lis-Sur Tonio Cuschieri li ta spjega tal-estimi finanzjarji għas-sena 2018 punt punt. Hu ta ġustifikazzjonijiet fuq kull punt, kumparat mas-sena l-oħra fejn jew kien hemm spejjeż żejda jew inqas saħansitra anka kumparat ma' *budget.* Kien hemm xi spejjez fuq ġonna u knis li kienu iktar mill- *budget* tas-sena l-oħra u dan fil-maġġor parti kien relatat mal-ispejjez tal-maltemp u trabijiet minn siti fejn qed isir żvilupp, filwaqt li fuq manutenzjoni kien hemm per eżempju inqas. Hu qal li dan kien dovut għall-fatt li ċertu xogħlijiet pjanati ma sarux kollha jew minħabba xi tip ta' burokrazija ta' permessi jew minħabba l-kuntratturi. Saret spjega fid-dettal fuq id-depprezament għal din is-sena, fejn ġie spjegat kif minn *reducing method* id-depprezzament inbidel għal *straight line method* u li bħalħa *disposal of assets* kien hemm biss *photocopier KLA00026.* Is-Segretarju Eżekuttiv talbet approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn jingħaddew lil NAO. Xi kunsilliera saqsew xi mistoqsijiet fuq bilanċi u wara dawn ġew approvati.

Is-Sindku talab sospensjoni sabiex jitkellmu numru konsiderevoli ta' residenti li kienu preżenti, fuq il-bini biswiet l-akwadott. Beda jitkellem is-Sur Anton Buttiġieġ. Hu qal li joqgħod Qrib Sant'Anton żona residenzjali biswit Triq il-Linja fejn qed jiġi propost ta' bini ta' vilel (kif ġa kien spega l-Perit fl-aħħar laqgħa) u li llum ġew preżentati pjanti ġodda lill-Awtorita' tal-Ippjanar. Ġiet preżentata ittra legali u uffiċċjali lill-Kunsill kontra l-iżvilupp ta' dawn il-vilel primarjament minħabba li x'ħin tinfetaħ it-triq din ħa tieħu forma ta' benniena. Il-Perit Joe Bugeja familjari mal-geoteknika spjega li f'dawn il-postijiet jeżistu jew aħjar kienu jeżistu kanali li minnhom kien jgħaddi l-ilma. Dawn ġew esperjenzati minn residenzi fi Triq Oliver Agius u galadarba l-ilma ma jkollux fejn imur ir-riżultat hu l-agħrar u ovvjament hekk sa jiġri għax il-blat fejn ħa jiġi skavat hu soffiċi ħafna. Is-Sinjura Gabby Mallia qalet li meta sar it-tarmak fi Triq Peter Paul Rubens saru *soakaways* u kellhom jiġu Transport Malta jiddevjaw l-ilma l-barra għax ir-residenzi kollha ta' Triq il-Linja bdew jgħerrqu minn wara. Issa li se tinfetaħ din it-triq kompliet is-Sinjura Mallia s-sitwazzjoni reġgħet ġejja bħal qabel u Ħ'Attard żgur li għandu bżonn iktar open spaces mhux toroq.

Il-Perit Dieter Falzon spjega li fl-applikazzjoni hemm talba għall-użu ta' 948metri kwadri ta' art. DC 2015 jagħti spjega fuq id-dimensjonijiet tal-vilel Attard hu *classified* taħt *other areas* b'500 metri kwadri b'*coverage* ta' 40. Infatti hemm applikazzjoni għall-żewġ semi-detached u villa oħra. Qal ukoll li mill-pjanti sottomessi llum jidher ċar li ħa tinħoloq benniena fit-triq għax mill-*cross cut* tal-pjanti jidhru livelli fi tliet dimensjonijiet u hu mpossibli li dan l-ilma ha jkollu fejn jimxi l'barra. Finalment il-preokkupazzjoni finali tal-Kunsill hija l-konservazzjoni tal-akwadott. Għalhekk hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jieħu l-ilment għand Transport Malta li ovvjament galadarba tinfetaħ triq ġdida din tidhol taħt ir-*remit* tagħhom.

Is-Sur Ernest Vella arkeologu qal li Ħ'Attard għandu bżonn jipproteġi t-teżori tiegħu l-oqbra, l-akwadott u t-trekk qabel ma ssir ħsara l-akwadott oriġinali.

Is-Sur Raymond Azzopardi daħal dan il-mument 6.35 pm.

Is-Sur Spiteri qal li b'din l-ittra qisu qed jinżamm responsabbli l-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill se jipprova jgħin żgur imma li l-Kunsill mhux se jinżamm responsabbli meta hemm awtoritajiet oħra konċernati bħal Malta Transport Authoriy u l-FAA Malta.

Is-Sur J. Debono saqsa x'kien jiġri li kieku ma kienx hemm il-problema tal-benniena u jekk il-vilel kif proposti kienux konformi mal-iskema? U x'jiġri jekk il-Planning Authority tibqa' għaddejja u tapprova dawn it-tliet vilel?

Il-Perit Falzon ssuġġerixxa li jittieħed parir legali u li tiġi mibgħuta ittra lill-Transport Malta. Kulħadd qabel.

## 49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

49.3.1 Imejl mingħand l-Avukat fejn intqal li s-sidien tal-barriera Bilven irrilokaw l-entratura lejn Ħaż-Żebbuġ. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill mhu sa jitlef xejn jekk l-aċċess ikun minn Ħaż-Żebbuġ imma li l-kawża għandha tkompli u li dan ma jitqiesx xi forma ta' *barter*.

49.3.2 Li hemm il-ħsieb li l-Parroċċa flimkien mal-Kunsill Lokali jżommu riċeviment għall-okkażjoni tat-tluq mill-Parroċċa ta' Dun Noel Vassallo. Hu ssuġġerixxa li l-ammont ta' Euro 500. Kulħadd qabel.

49.3.3 Li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall- *change of use to offices* miexja imma l-Football Club talbu li jtellgħu sular ieħor fuq. Is-Sur Cassar qal li ma jaqbilx li jittella' sular ieħor. Il-Perit Falzon qal li tali applikazzjoni hija kkunsidrata bħalha aċċettabli. Din id-deċiżjoni tħalliet għall-iktar 'l quddiem.

49.3.4 Proċess t'Evalwazzjoni: li dan jinsab magħluq. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-evalwaturi, skont ir-rapporti meħmuża u skont il-kriterji taħt l-*eligibility, technical & financial*, ssuġġerew il-bidder li kwalifika taħt is-sistema EPPS. Fil-każ tal-ġonna il-*bidders* kienu t-tnejn konformi u l-għażla marret fuq l-irħas offerta peress li t-tender maħruġa kienet *lowest priced.* Fil-Każ tal-

latrini skont ir-regoli maħruġa mid-Dipartiment din kellha tinħareġ BPQR u hekk inħarġet. Tefgħuha erba' *bidders.* L-irħas offerta ġiet skwalifikata fuq raġunijiet ta' prekarjat u l-għażla waqgħet fuq it-tieni l-irħas offerta. Iż-żewġ *bidders* l-oħra kienu konformi imma t-tieni l-offerta tat-tieni wieħed kienet l-iktar waħda konformi, raġonevoli u *within budget*. Hi staqsiet jekk il-Kunsill jaqbilx ma dak suġġerit. Kulħadd qabel. Qalet li kif jintemm il-perjodu tal-għaxart ijiem tal-iStandstill Ranking jgħaddu għall-Award u ssussegwentament għall-iffirmar tal-Kuntratti. Fil-laqgħa li jmiss u minħabba raġunijiet ta' process mhux konkluż ta' tendering hi tħabbar l-ismijiet tal-*winning bids*.

49.3.5 L-offerti tal-iskart ricikkabbli sottomessi. Hu qal li l-aħjar dawn jiqraw sew id-dar u l-*item* jitpoġġa fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss.

49.3.6 Bankina Triq Sant'Anton. Hu nforma l-Kunsill li hemm biċċa kif jidher fit-ritratti fejn is-siġar tellgħu il-bankini kollha u dawn m'għadhomx aċċessibbli għad-diżabbli. Għandu jiġi kkuntatjat l-*Urban Ecologist* sabiex jagħti parir fuq kif jiġu trattati.

49.3.7 PA/0146/19 Childcare Centre fi Triq Xatbet L-Art. Ħadd ma sab oġġeżżjoni għal dan iċ-Childcare anka minħabba l-fatt li Ħ'Attard nieqes minnhom.

## 49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

49.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 49.6 Diskussjoni *EIA Central Link*

49.6.1 Is-Sur Cassar qal li l-konsultazzjoni tagħlaq fil-21 ta' Frar. Hu kompla billi qal li l-Perit, jekk dejjem kulħadd jaqbel, għandu jżomm ma dak li ġa ssemma li mhux jindirizza l-Pjan Nazzjonali u li kien hemm biss *minor changes with no consultations to our proposals.* Hu qal li *we stick to our proposals*. Kulħadd qabel.

7.30p.m. Is-Sinjura Abela talbet biex tħalli l-kamra.

Il-Perit Falzon talab id-dokumentazzjoni li ntbagħtet f'Settembru 2018 biex jaħdem fuqhom.

## 49.7 Rapporti

49.7.1 Ma kienx hemm iktar rapporti

## 49.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

49.8.1 Ma kienx hemm *items* oħra ta' xogħol.

## 49.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

49.9.1 Approvata.

## 49.10 Mozzjonijiet; u

49.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 49.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

49.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.50pm u ġiet aġġornata għal 20 ta' Marzu 2019 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 20 ta' Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA<br>Stefan Cordina<br>Sindku | IFFIRMATA<br>Marica Mifsud<br>Segretarju Eżekuttiv |